ħadmet f'ħajjitha biex tibqa' tgawdi r-rispett ta' Patist speċjalment. Ninnotaw li hawnhekk it-tmiem li joffrielna l-awtur ma kienx wieħed romantiku, imma x'aktarx realistiku. Mill-banda l-oħra hemm l-aspett sentimentali. Għan-neputijiet ta' Alfredo, dan mhuwiex għalihom il-plejer kbir li jagħmlilna unur bħala Maltin. Wara kollox huwa n-nannu Fredu li kieku ma kienx hu lanqas ulied uliedu ma qegħdin hawn!

Meta bdejt naqra ċerta stejjer, anke jekk il-ħajja tal-karattri kienet ftit differenti minn tiegħi, xorta stajt nagħmel dawn l-istejjer tiegħi. Ngħidu aħna Salvu, mgħallem fix-xogħol tal-interzjar, mastrudaxxa prim imma spiċċa b'konsegwenzi mhux mixtieqa. U kemm minna bħal Salvu, nispiċċaw mhux apprezzati bix-xogħol li nkunu qed nagħmlu? Kemm minna nkunu għaddejjin bil-ħajja ta' kuljum u nispiċċaw b'xi saram mhux mistenni?

L-għerf tan-nies, anke jekk mhux professjonisti, ma rridu qatt niżvalutawh. Mhux ta' b'xejn is-Surġent qal li għandu bżonn lil Marì fid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali!

Dawn huma stejjer ħelwin li ċert li ser jinżlu għażel ma' ħafna qarrejja ta' din il-Paġna. Dan il-ktieb jinkiseb mill-ħwienet ewlenin jew mis-sit https://horizons.com.mt/

L-ewwel rebbieħa mara tal-Premju tal-Letteratura tal-Unjoni Ewropeja ... u ftit dwar il-kontroversja

I-Premju tal-Letteratura tal-Unjoni Ewropeja huwa premju prestiġjuż, sabiħ ħafna u rrid nibda billi nawgura minn qalbi lill-awtriċi Lara Calleja għal dan l-unur. Lara Calleja hija l-ewwel mara li qed tirbaħ dal-premju għal Malta.

Biex nifhmu ftit dwar dan il-Premju ser nislet silta minn stqarrija li ppublikat l-Akkademja tal-Malti:

"Il-Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropea twaqqaf u huwa ffinanzjat mill-Programm għal Unjoni Kreattiva fi ħdan l-Unjoni Ewropea (Creative Europe Programme of the European Union) bil-għan li jippromwovi l-kreattività u r-rikkezza tal-letteratura kontemporanja, jiċċirkolaha fi ħdan l-Ewropa u jagħti l-appoġġ lill-oqsma tal-letteratura fittizja.

Il-Premju jingħata minn konsorzju magħżul mill-Kummissjoni Ewropea u huwa magħmul mill-European and International Booksellers Federation (EIBF), mill-European Writers' Council (EWC) u l-Federation of European Publishers (FEP). Dawn it-tliet membri huma responsabbli biex jitwaqqfu l-ġuriji u l-organizzazzjoni taċ-ċerimonja tal-premjazzjoni.

Jingħata premju wieħed lill-pajjiżi parteċipanti li jieħdu sehem fuq bażi ta' rotazzjoni kull tliet snin. Kull sena l-ġuriji nazzjonali minn terz tal-pajjiżi parteċipanti jinnominaw lill-awturi rebbieħa tagħhom, hekk li jkun possibbli li kull pajjiż imsieħeb u l-lingwa tiegħu jkunu rappreżentati darba kull tliet snin.

Għal dis-sena kien imiss li jieħdu sehem dawn il-pajjiżi: l-Albanija, l-Armenja, ir-Repubblika Ċeka, l-Iżlanda, il-Latvja, Malta, il-Moldova, in-Netherlands, il-Portugal, is-Serbja, is-Slovenja, l-Iżvezja u Tuneż."

Dwar il-Ktieb Kissirtu kullimkien, kont ktibt fil-Paġna Letterarja tal-Ħadd 27 ta' Settembru 2020

"Dan il-ktieb jibni fuq ir-rabja ta' bosta għall-iżvilupp eċċessiv fi gżiritna. Imma r-rabja mhijiex biss għall-qerda ambjentali. Ma' din ambjentali qed neqirdu wkoll il-karattru tal-irħula, is-serenita' fid-djar tagħna u l-kwalita' tal-ħajja li qed ngħixu. Għaliex jekk ninsabu mirdumin minn binjiet għoljin ma bqajniex ingawdu l-istess veduti u arja li kellna qabel. Telenka numru ta' diffikultajiet li spiċċajna kontra kull għażla oħra tagħna ngħixu f'dik li Calleja tiddeskrivi bħala "geġwiġija" fit-tielet storja. In-nies jisimgħu lil xulxin fl-appartamenti, mhux għax irridu imma kif insibu fl-ewwel

storja l-prezzijiet m'għadhomx kif kienu dari (ara Rożi tax-Xgħajra). Illum il-prezz ta' propjeta żgħira għola m'għola s-sema (Geġwiġja)...

L-iżvilupp qed iwassal għal djar aktar żgħar, qed nitilfu l-karattru fl-irħula tagħna u s-serenita' fid-djar tagħna, nuqqas fil-kwalita' tal-ħajja u xi drabi anke mwiet. Tal-anqas il-ktieb iħallina ftit nostalġija għad-djar tal-imgħoddi, għar-riħa tat-te' u l-lariġ maqtugħ frisk minn xi siġra ġo xi bitħa."

Naħseb li huwa xieraq ukoll li nifraħ lil finalist Joe Pace, bil-ktieb Papa Ahmed.

Dwar dan il-ktieb kont ktibt fil-Paġna letterarja tal-10 ta' Novembru 2019

"F'dan il-ktieb għandna parodija ta' poplu u razza umana li jaħsbu li huma ħafna ikbar milli huma. Il-parodija iktar tinstab fil-biċċiet ta' sieħeb Massimo (Papa Ahmed) Thomas.

Fil-fatt l-aktar elementi b'saħħithom li nara f'dan ir-rumanz huwa l- jumanizza dawk li narawhom 'il fuq mill-umanita'. Ipoġġi fl-istess kejl ir-realta' kiefra tal-bnedmin ma' dawk li qed jgħixu f'realta' oħra. Pero' l-kritika ta' Pace mhijiex biss lejn l-istituzzjonijiet, mhijiex biss lejn il-Knisja Kattolika simbolizzata bil-Vatikan imma lejnha wkoll li ninsabu aljenati bl-affarijiet tagħna u bilkemm nifhmu lil ġar ibati qrib tagħna.

Waqt li nagħmilha ċara li l-ktieb jiskomoda lil dawk li ma jridux joħorġu min-niċċa tagħhom ta' konformiżmu u ma joqgħodx lura mill-għażla tal-kelma mitkellma inkluż dik vulgari, jippreżenta temi li jistħoqqolhom ikomplu jiġu mqanqla u anke diskussjoni. Dan huwa thriller li jinżel għasel ma' dawk kollha li l-umanita', l-inġustizzja, l-kawża Palestinjana hija l-kawża u jistmerru l-artifiċjalita' tal-Fidi u r-reliġjożita' popolari vojta u bla ruħ."

Ikun nuqqas jekk f'Paġna Letterarja nieqaf fuq il-Prosit. Dak il-fatt tajtu l-ispazju, kollu. Imma imbagħad għandna awtur li ġie skwalifikat minħabba li l-ktieb tiegħu kien pubblikat mal-SKS li huwa affiljat ma' Partit Politiku. Dan il-punt tqanqal naħseb l-ewwel minn Alfred Sant. U minn hawn qamet diskussjoni kbira fil-mezzi soċjali. Dwar dawn ħarġu numru ta' stqarriiet.

Nistqarr li għalija kienet ftit imċajpra din l-aħbar. Kien hemm ħafna truf li ma kontx naf u għaldaqstant il-ġimgħa li għaddiet ma tajt ebda tagħrif.

Din il-paġna żgur mhux ser tkun assenti, dejjem konna favur l-awtur u mexxejna kemm stajna l-pubblikazzjonijiet. Pero' fl-istess ħin, nemmen li kien hemm bżonn ċerta kawtela biex ftit ftit forsi nifhem x'wassal biex awtur jiġi skwalifikat minn dan il-Premju, anke jekk nistqarr b'mod ċar li bħala punt kardinali nemmen li għandu jsir kull sforz biex xi ħaġa bħal din ma terġax tiġri.

Għall-benefiċċji tal-qarrejja, u biex kemm jista' jkun inkun infurmat, tkellimt mas-Sur Mark Vella li huwa Uffiċjal fid-Direttorat tat-Traduzzjoni fil-Kummissjoni Ewropeja. U hawn ippermettuli, nerġa' ngħid prosit lis-Sur Vella tax-xogħol siewi li qed jagħmel, u anke lill-organizzaturi ta' dan il-Premju fl-Unjoni Ewropeja.

Is-Sur Vella spjegalna li din is-sena ħadet ħsieb dan il-premju l-Creative Europe Desk Malta. Il-ġurati, li jidhru wkoll fuq is-sit tal- Premju Letterarju tal-Unjoni Ewropeja.

Is-Sur Vella spjegalna wkoll, u nifhmu perfettament il-ħtieġa li l-premju ma jkunx marbut ma' ktieb jew dar tal-pubblikazzjoni b'rabta politika. Dan għaliex il-kriterji, jridu jindirizzaw ukoll realtajiet fejn jiddominaw partiti anke anti-demokratiċi.

Forsi mistoqsija li nsaqsi tal-aħħar hija: Jistgħu l-kriterji jinbidlu biex jiġi skwalifikat ktieb bi propoganda b'valuri razzjali jew anti-demokratika jew li huwa maħruġ f'dar tal-pubblikazzjoni li tappoġġja dawn l-ideat?